# L-erba' Missirijiet tal-Knisja fil-bażi tat-Tribuna tal-Bażilika tal-Isla

MILL-KAN. DUN JONATHAN FARRUGIA

Meta tfasslet it-Tribuna għall-Bażilika, tqiegħed ħsieb warajha. L-ornamenti li fiha m'għandhomx biss għan li jsebbħuha, iżda wkoll – aktar importanti – għan li jgħallmu. Fost id-dettalji fejn dan jidher b'mod ċar hemm il-persunaġġi li ntagħżlu biex iżejjnu l-faċċati tal-bażi tal-erba' kolonni tagħha. Waħda minn dal-kolonni tinsab wieqfa fuq bażi li mal-panewijiet tagħha hemm erba' Missirijiet tal-Knisja. Il-pedament tat-teoloġija u tat-tagħlim tal-Knisja kif nafuh illum huwa kollu meħud mill-kitbiet u r-riflessjonijiet ta' dawn l-għorrief Insara li għexu fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Iċ-ċentru tat-tagħlim tagħhom kien dejjem Kristu, u minnu ħarġu fergħat oħra li huma relatati, fosthom il-Knisja, is-Sagramenti u Marija. Il-persunaġġi mal-kolonna tal-Missirijiet huma erba' qaddisin li taw kontribut kbir fit-tagħlim fuq il-Madonna u għat-tixrid tad-devozzjoni lejha. L-erba' Missirijiet li ntagħżlu biex isebbħu l-kolonna huma San Efrem tas-Sirja, San Ambroġ ta' Milan, San Ċirillu ta' Lixandra u San Bernard ta' Clairvaux. L-ewwel tlieta twieldu fir-raba' seklu – żmien fundamentali għall-Marjoloġija għax ħejja t-triq għall-konċilju ta' Efesu li fih ġiet proklamata l-ewwel domma Marjana, dik tal-maternità divina – waqt li l-ieħor għex fil-medjuevu – żmien meta t-twemmin beda jinbidel f'devozzjoni kif aktar nifhmuha llum.

## SAN EFREM

San Efrem (306-373) ġej minn familja Nisranija u l-imgħallem tiegħu kien wieħed mill-isqfijiet li kienu preżenti għall-Konċilju ta' Niċea. Sar djaknu u spiss kien jesprimi ruħu permezz ta' innijiet u poeżiji. Sal-lum Efrem għadu meqjus bħala l-aqwa poeta tal-epoka patristika; ħafna mill-innijiet li kiteb għadhom jintużaw sal-lum fil-liturġija orjentali. Kien jgħix f'Nisibis (li llum tinsab fit-Turkija) fi żmien diffiċli ħafna, peress li kienet belt fil-konfini mal-imperu Persjan. Matul ħajtu, fil-fatt, l-imperatur Ġovinjanu ċeda din il-belt lis-Sassanidi u Efrem, flimkien ma' ħafna Nsara, kellu jitlaq lejn Edessa, fejn baqa' jgħallem u jippriedka sa ma miet. Apparti milli għall-innijiet, baqa' magħruf għall-ħajja ta' mortifikazzjoni li għex.

Fost kitbietu nsibu ħafna referenzi għall-figura ta' Marija. Huwa difensur kbir tas-safa ta' Marija u huwa meqjus wieħed mill-ewlenin difensuri tal-Immakulata Kunċizzjoni. F'wieħed mill-innijiet iddedikati lil Kristu jikteb: *"Int biss u ommok li intom f'kollox perfetti: m'hemm ebda nuqqas fik u ebda tebgħa fl-Omm tiegħek."* F'innu ieħor jgħid: *"F'Marija n-natura ġiet megħluba u mirbuħa; hija fil-fatt kienet verġni meta nisslet fi ħdanha u verġni meta wildet lil Binha. Hija mdawwra bil-prodiġju."*

Bħal ħafna oħrajn qablu joħroġ il-paralleliżmu bejn Marija u Eva. Lil dawn iż-żewġ nisa jxebbaħhom ma' par għajnejn, Eva l-għajn tax-xellug li hi għamja, u Marija l-għajn tal-lemin li hi kollha dija;



jgħid li l-kuntrast li hemm bejniethom hu l-istess bħall-kuntrast bejn il-ħajja u l-mewt. Eva wildet lil Kajjin, il-qattiel ta' ħuh, waqt li Marija wildet lil Kristu, dak li ta l-ħajja lil ħutu kollha. Eva kienet il-bidu tal-mewt għall-ħajjin kollha, waqt li Marija, il-fergħa l-ġdida li kibret fuq Eva tat il-ħajja lil kulħadd billi tat lil Kristu lid-dinja.

Minkejja li għex qabel il-Konċilju ta' Efesu, Efrem jisqarr li Marija hi omm Alla peress li hi tat ħajja lil Kristu, li fil-persuna tiegħu hemm żewġ naturi, dik divina u dik umana. Kristu, għal Marija, kien iben u sid. Fl-innu tan-nativitá, hu jpoġġi fuq xufftejn Marija dawn il-kelmiet: *"Għax jien qaddejja tad-divinità tiegħek, għad jiena wkoll omm l-umanità tiegħek, o Mulej ibni. Liema omm qatt sejħet lil Binha, Bin Alla l-għoli!"*

Ma jonqosx anqas ix-xebħ bejn Marija u l-Knisja, fejn hu jsejħilha is-simbolu tal-Knisja, speċjalment meta jirreferi għall-ġufha bħala: *"Dan kien il-knisja u l-iben li kellha fiha."* Hawn għandna ħjiel ta' dik il-verità li fi żminijietna fisser ċar il-Papa Pawlu VI meta pproklama lil Marija Omm il-Knisja.



## SAN AMBROĠ

San Ambroġ (337-397) twieled f'familja pagana ġewwa Treviri (illum Trier fil-Ġermanja). Huwa studja r-retorika u ta' età żgħira sar konslu tal-Imperu u kellu f'idejh ir-reġjuni tal-Ligurja u l-Emilja, li l-kapitali tagħhom kienet il-belt ta' Milan. Tant kien mexxej ġust li meta l-Isqof Arjan ta' Milan Assenzju ġie mwarrab, in-nies riedu lilu bħala isqof. Tgħammed u ġimgħa wara sar il-mexxejt spiritwali tal-belt. Għadda l-ewwel xhur tal-episkopat tiegħu jistudja l-bibbja u dan wassal biex kien predikatur mill-aqwa. Ħafna saru Nsara wara li semgħu l-priedki tiegħu, u fosthom kien hemm ukoll Santu Wistin. Ambroġ kien difensur kbir tal-fidi Nisraniji fi żmien meta s-segwaċi tal-Arjaneżmu kienu qawwijin ħafna. Barra minn hekk baqa' magħruf ukoll għar-rettitudni tiegħu fit-tmexxija soċjali u ċivili.

Marija tidher f'numru ta' kitbiet tiegħu u nistgħu ngħidu li Ambroġ huwa wieħed mill-akbar difensuri tal-integrità fiżika u spiritwali tagħha. F'diversi trattati tiegħu dwar il-verġinità, Ambroġ iġib lil Marija bħala l-aqwa eżempju; dan jagħmlu wkoll f'diversi kummentarji bibliċi tiegħu. Kellu ideal axxetiku ħafna dwar Marija u jsostni bil-qawwa kollha l-permanenza tal-verġnità tagħha sa tmiem ħajjitha. Meta teoloġi eretiċi bħal Ġovinjanu f'Ruma u Bonosus f'Sardika sostnew li Marija tilfet il-verġnità mat-twelid ta' Ġesù u li kellha ulied oħra, Ambroġ xejn ma ddejjaq jikteb kontrihom lill-Isqof ta' Ruma nnifsu kif ukoll lill-Isqfijiet kollha taż-żona ta' fejn illum hemm l-Albanija u l-Kroazja biex ma jappoġġjawhomx.

Fit-trattati bibliċi l-Isqof ta' Milan iġib ħafna eżempji mit-Testment il-Qadim biex juri kemm Marija kienet l-aqwa fost il-ħlejjaq ta' Alla, bħal meta jxebbaħha man-nisa tat-Testment il-Qadim u joħroġ is-superjorità tagħha. Hu kien probabbli l-ewwel wieħed li applika l-kliem tal-Għanja tal-Għanjiet għal Marija u ħareġ hekk it-titlu ta' *'għarusa tal-Ispirtu s-Santu'*. Minn kitbietu nistgħu nifhmu li Ambroġ kien jemmen bis-sħiħ fit-tnissil bla tebgħa ta' Marija: *"Verġni bla mittiefsa, verġni li permezz tal-grazzja hija meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub"* jgħidilna fil-kummentarju tas-salmi waqt li

fit-trattat fuq il-verġnità jgħid, *"Min qatt jista' jkun iktar nobbli minn Omm Alla? X'jista' jkun jiddi iktar minn dik li ġiet magħżula mix-Xemx kollha dija? U x'ser ngħid fuq il-virtujiet l-oħra tagħha? Din hija l-mudell tal-verġinità, għaliex hekk kienet Marija li l-ħajja tagħha weħidha hija eżempju għal kulħadd."* Mill-kittieba kollha tal-Punent, San Ambroġ hu l-ewwel wieħed li juża t-titlu *Mater Dei* għal Marija u jfaħħar il-virtujiet u l-qdusija tagħha.

Fl-interpretazzjoni tiegħu tal-Ġenesi, Ambroġ kien wieħed minn tal-ewwel li bi żball applika l-kliem *"Inqajjem mibgħeda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha; hu jisħaqek rasek u int tgħaffiġlu għarqubu"* lil Marija fejn bidel is-suġġett *'hu jisħaqlek rasek'* minn maskil għal femminil minħabba t-traduzzjoni ħażina li kellu tal-Bibbja bil-Latin – u minn hemm bdiet ix-xbieha popolari ta' Marija tgħaffeġ ras s-serp, meta fir-realtà għandu jkun nisilha, iġifieri Kristu, li jgħaffeġ ras is-serp. Madankollu l-kliem ta' Ambroġ hu mill-isbaħ, minkejja li żbaljat: *"Marija għelbitek, ja serp, għax minnha twieled ir-rebbieħ, hi iġġib fix-xejn it-tnassis tiegħek."*

Fl-aħħar nett insemmu wkoll li San Ambroġ iwissi li Marija m'għandhiex tkun adurata: Marija hija t-tempju ta' Alla, mhux alla tat-tempju, għalhekk Alla biss għandu jiġi adurat, mhux dik li żammitu fi ħdanha.

### SAN ĊIRILLU

San Ċirillu (376-444) kien il-patrijarka ta' Lixandra li kellu jibqa' mfakkar fl-istorja bħala l-eroj tal-maternità divina tal-Madonna u politiku mill-iqlel kontra dawk kollha li ma qablux miegħu. Ħafna studjużi llum jemmnu li dik li wasslet għall-proklamazzjoni tad-domma tal-maternità divina tal-Madonna fil-Konċilju ta' Efesu ma kienetx biss id-devozzjoni li kellu Ċirillu lejn Marija, imma wkoll l-oppożizzjoni politika li hu kellu personalment għall-Patrijarka ta' Kostantinopli Nestorju, li kien ġej minn Antijokja, belt li sa mill-bidu tal-Kristjaneżmu kienet rivali tal-belt ta' Lixandra. Ċirillu, għalhekk, għaraf juża l-qima popolari lejn Marija biex jippreżenta lil Nestorju bħala eretiku. Iżda Alla jaf jikteb dritt fil-linji mgħawwġa tal-istorja tal-bniedem, u għalhekk minn din il-pika tpoġġiet l-ewwel ġebla fil-binja tal-marjoloġija.

Nestorju kien jemmen li n-natura umana ta' Kristu ma kien jonqosha xejn meta mqabbla man-natura divina. Tant kien jemmen b'din l-ugwaljanza tan-naturi li mar pass 'il bogħod aktar milli meħtieġ u qal li fil-ġisem tal-Iben ta' Alla inkarnat, li twieled minn Marija, kien hemm fil-fatt żewġ persuni: il-persuna tal-Iben ta' Alla, etern u minn dejjem, u l-persuna umana tal-Iben ta' Marija, li kellu bidu fiż-żmien. L-iżball tiegħu kien li applika għall-persuna dak li s-soltu jiġi applikat għan-natura. Fil-fatt il-Knisja temmen li fil-persuna unika tal-Iben ta' Alla inkarnat hemm l-għaqda taż-żewġ naturi, mhux taż-żewġ persuni. Biex aktar jagħfas fuq il-punt tiegħu, Nestorju qal li huwa żball li Marija tissejjaħ Theotokos ("Omm Alla") għax fir-realtà hija biss omm Kristu, dak li twieled minnha, u għalhekk ta l-parir li hi tissejjaħ Christotokos ("Omm Kristu").

Din l-opinjoni kkawżat konfużjoni kbira fil-belt tal-Imperu. Għalhekk Ċirillu fis-sena 429 kiteb pastorali għall-Għid li fih iddefenda bil-qawwa kollha t-titlu ta' Marija Omm Alla, kiteb lill-monaċi tal-Eġittu biex jirrifjutaw it-tagħlim ta' Nestorju,



u kiteb lil Nestorju stess biex jikkoreġi l-iżbalji tiegħu. Dan webbes rasu, u għalhekk Ċirillu kiteb lill-Papa Ċelestinu I u lill-imperatur Teodożju II biex jurihom li l-ereżija ta' Nestorju setgħet tkun ta' theddida għall-għaqda fl-Imperu.

Bit-tama li l-għaqda ma tintilifx, l-imperatur sejjaħ Konċilju f'Efesu biex tiġi ċċarata l-kwistjoni. Dan seħħ fis-7 ta' Ġunju tas-sena 431. Fih il-partit ta' Ċirillu ħareġ rebbieħ bil-kbir, u Nestorju spiċċa depost mill-patrijarkat ta' Kostantinopli u skomunikat minħabba t-tagħlim żbaljat tiegħu. *"Il-Verb sar bniedem ifisser li huwa ħa ġisem u demm bħalna u ġisimna hu ġismu wkoll, u twieled bniedem minn mara, mingħajr ma tilef id-divinità tiegħu. L-għorrief tal-Knisja qatt ma beżgħu jsejjħu l-Verġni Mqaddsa Omm Alla, mhux għax in-natura tal-Verb jew id-divinità tiegħu kellhom il-bidu tagħhom minnha, imma għaliex minnha tnissel il-ġisem imqaddes li miegħu saret l-unjoni tal-persuna tal-verb."* B'dawn il-kelmiet ġiet issiġillata l-ewwel domma marjana li tistabilixxi li Marija hija fil-fatt Omm Alla, l-isbaħ titlu li lil din il-mara unika nistgħu ntuha. Sena wara din il-ġrajja, f'Ruma, il-belt l-aktar importanti tad-dinja, bdiet tinbena l-bażilika li għadha sal-lum imsejjħa Santa Marija Maggiore, il-knisja ewlenija tal-Imqaddsa Marija.



## SAN BERNARD

San Bernard (1090-1153) twieled fi Franza. Skont il-kronoloġija stabilita mill-istudjużi tal-patristika, Bernard twieled wara t-tmien ta' din l-epoka, iżda minħabba l-kontribut kbir li ta lit-tagħlim Nisrani huwa ġustament meqjus bħala l-aħħar wieħed fost il-Missirijiet, kif jiġi msejjaħ mill-Papa Piju XII fl-enċiklika *Doctor Mellifluus*. Bernard daħal fl-Ordni taċ-Ċisterċensi u għen ħafna fir-riforma meħtieġa tagħha. Kien hu li kiteb ir-regola tal-Kavallieri Templari li kellhom jibdew il-Kruċjati fl-Art Imqaddsa kontra l-Musulmani. Ta' għaref kbir li kien hu għaraf l-utilità tal-filosofija biex il-bniedem ikun jista' jersaq aktar lejn Alla li huwa l-għajn tal-għerf. Fis-sena 1115 fetaħ monasteru ġdid f'Val d'Absinthe li mbagħad bdiet tissemma Clairvaux. Hemm hu ppriedka bil-ħeġġa l-fidi li għandha tidher fil-ħajja u li ssib il-qawwa tagħha fl-interċessjoni tal-Verġni Marija.

Minkejja li hu jiċħad it-twemmin fit-tnissil bla tebgħa ta' Marija minħabba li għaliha Kristu biss kien bla dnub, ħafna huwa t-tagħlim popolari li hu jagħti fuq il-Madonna, u kien hu li lil Marija daħħalha fil-ħajja tal-Insara bħala preżenza ħajja u għajn ta' għajnuna. Il-Marjoloġija tiegħu hija bbażata fuq tlett punti: l-ewwel isemmi l-verġinità ta' Marija li tagħmilha kollha kemm hi qaddisa u sabiħa f'għajnejn Alla; it-tieni jsemmi l-qima li kull nisrani għandu jkollu lejn Marija minħabba li hi l-eqreb lejn Alla; fl-aħħar hemm l-element innovattiv tiegħu li jippreżenta lil Marija bħala medjatriċi tal-grazzja. Huwa f'dan tal-aħħar li l-aktar tidher il-bidla minn qima għal devozzjoni fir-rapport tal-Insara lejn Marija.

Referenzi:
*Nuovo dizionario patristico e di antichità cristiane*, vol. I, ed. Angelo di Berardino, Genova 2006.
NIKOL Ġ. CAUCHI, *Il-Madonna fit-tagħlim tas-Santi Padri*, Għawdex 1991.